**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**LAQGĦA NRU 10**

**It-Tnejn, 10 ta' Ġunju 2024**

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati 3 fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u Kap tal-Kamra, l-Onor. Owen Bonnici (Membru Sostitut), il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, il-Whip tal-Gvern l-Onor. Naomi Cachia, l-Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Robert Cutajar u l-Onor. Paula Mifsud Bonnici

Kien preżenti wkoll l-Ombudsman l-Imħallef Emeritu Joseph Zammit McKeon.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 9 li saret fid-29 ta' Jannar 2024 ġew ikkonfermati.

**OMBUDSPLAN 2024**

Il-Kumitat stieden lill-Ombudsman, l-Imħallef Emeritu Joseph Zammit McKeon sabiex jieħu postu mal-mejda ħalli jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu kif ukoll iwieġeb għal xi mistoqsijiet jew osservazzjonijiet li jsirulu fuq l-Ombudsplan 2024.

Il-Membri tal-Kumitat ħadu sehem fid-diskussjoni billi għamlu mistoqsijiet lill-Ombudsman dwar punti li ħarġu mill-preżentazzjoni tiegħu.

Wara li l-Ombudsman wieġeb il-mistoqsijiet magħmula lilu, il-Kumitat qabel li jirrakkomanda lill-Parlament l-approvazzjoni tal-Ombudsplan 2024. L-Ispeaker informa lill-Kumitat li huwa kien se jiċċirkola t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa lill-Membri Parlamentari kollha sabiex sussegwentement titressaq fil-Kamra l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Estimi tal-Uffiċċju tal-Ombudsman għas-sena 2024 skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11(4) tal-Att dwar l-Ombudsman (Kap. 385).

L-Ispeaker irringrazzja lill-Ombudsplan tal-preżentazzjoni tiegħu u talbu jirtira mill-Kumitat.

**XOGĦOL TAL-KAMRA**

Il-Whip tal-Gvern l-Onor. Naomi Cachia informat lill-Kumitat li kienet għaddiet skeda ta' laqgħat proposti lill-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, li kienet tinkludi numru ta' seduti addizzjonali sabiex il-Kamra tkun tista' tgħaddi numru ta' abbozzi ta' liġi urġenti qabel il-ferjat tas-sajf. L-Onor. Cutajar qal li filwaqt li kien hemm qbil li s-seduta tal-Erbgħa, 12 ta' Ġunju 2024 issir filgħodu minħabba li wara nofsinhar kien ser ikun hemm l-għadd tal-voti tal-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali, ma kienx hemm qbil dwar l-iskeda ta' laqgħat għall-ġimgħa ta' wara. L-Onor. Byron Camilleri qal li għandu jkun hemm abbokkament bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra sabiex jintlaħaq ftehim dwar l-iskeda ta' laqgħat u l-abbozzi ta' liġi li l-Gvern kien qed iqis bħala urġenti.

L-Onor. Naomi Cachia indikat illi l-ħsieb tal-Gvern kien li votazzjonijiet mitluba jittieħdu fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2024, iżda dan kien jiddependi mill-iskeda ta' laqgħat kif ser tkun maqbula. Hija rrimarkat ukoll li d-data li fiha l-Parlament jieqaf għall-ferjat tas-sajf kienet tiddependi wkoll minn din l-iskeda.

Fit-3.29 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data oħra li kellha tkun komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**